MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 51/2014

**GO plc – C22334**

**vs**

**Gatt Christian James (ID568774M) a nom u**
**in rapprezentanza tas-Socjeta' C Services Limited**
**bin-numru ta' registrazzjoni C44115**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Jannar 2014, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u wiehed Euro sebgha u hamsin centezmi (€301.57c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta fis-26 ta' Novembru 2014, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut a nom u in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u wiehed Euro sebgha u hamsin centezmi (€301.57c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut a nom u in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------